# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 80

Data tal-laqgħa: 9 ta' Frar, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Abraham Aquilina |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**80/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**80/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Abraham Aquilina biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'apoloġija.

**80/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 79**

**80/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**80/02/02** **Para 79/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li klinika ġdida tal-Għargħur ser tinfetaħ dalwaqt .

**80/02/03** **Para 79/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**80/02/04** **Para 79/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadu ma bediex.

**80/02/05** **Para 79/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li suppost dalwaqt nirċievu risposta rigward l-applikazzjoni mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.*

**80/02/06** **Para 79/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**80/02/07** **Para 79/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**80/02/08** **Para 79/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**80/02/09** **Para 79/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**80/02/10** **Para 79/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat l-istrippi ta' mal-art għal Triq San Ġwann iżda dawn ħa jsiru wara x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**80/02/11** **Para 79/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *notice boards* għadhom ma sarux.

**80/02/12** **Para 79/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġġħet fakkret l-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**80/02/13** **Para 79/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi kollox għadu pendenti.

**80/02/14** **Para 79/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jeħel *dog bin* fi Triq tal-Ferħa qrib il-wied.

**80/02/15** **Para 79/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**80/02/16** **Para 79/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jeħel *dog bin* fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**80/02/17** **Para 79/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Infrastructure Malta fuq minn se ikompli x-xogħol fi Triq il-Kbira.

**80/02/18** **Para 79/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ bozzoz fi Sqaq fi Triq Santa Katerina ġew approvata minn Enemalta plc.

**80/02/19** **Para 79/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lil Infrastructure Malta fuq il-globi ta' ħdejn iz-*zebra crossing* fi Triq Caravaggio.

**80/02/20** **Para 79/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser għadha ma ġietx approvata minn Enemalta plc.

**80/02/21** **Para 79/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert.

**80/02/22** **Para 79/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bank fuq blata fil-wied tal-Ferħa għadu ma sarx.

**80/02/23** **Para 79/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* ta' Triq Għaxqet l-Għajn (mid-Duluri 'il ġewwa) trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**80/02/24** **Para 79/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am *no access to Gharghur* fi Triq John Adye; Biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am hekk kif tohrog mill-barriera fi Triq John Adye u biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am Triq Birguma fil-bicca ta' fuq.

**80/02/25** **Para 79/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma approvatx il-*bollard* ta' ħdejn 125 Triq Caravaggio.

80/02/26 **Para 79/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv waqt l-attività tal-Karnival ser ikun hemm produzzjoni tal-Qarċilla u spettaklu mill-Big Friends Guggen Musik.

80/02/27 **Para 79/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella 'Tal-Ferħa Estate' għal Triq Santa Katerina.

80/02/28 **Para 79/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit David Vassallo tana parir biex napplikaw aħna biex terġa' ssir il-*junction box* ta' ħdejn ir-*roundabout* tal-Golden Care.

80/02/29 **Para 79/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rrappurtat lil Water Services Corporation rigward tappiera sfrundata viċin ta' *traffic lights*, Triq il-Għargħur, Naxxar.

80/02/30 **Para 79/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rrappurtat lil GO plc rigward tappiera viċin ta' Golden Care.

80/02/31 **Para 79/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ġardinar irid ineħħi l-pjanti mill-art ta' ħdejn il-ħanut tal-laħam fi Triq S. Zerafa.

80/02/32 **Para 79/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza ta' residenti qablu li Triq Dun Karm Vella tiġi *one-way*.

80/02/33 **Para 79/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret kaxxa tal-muturi fi Vjal ir-Repubblika minflok il-kaxxa bajda żgħira imma importanti li teħel tabella.

80/02/34 **Para 79/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow lines* quddiem garaxx fi Triq Karmnu Zarb saru.

80/02/35 **Para 79/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xi residenti talbu li jerġa' jeħel id-*dog bin* tal-pjazza tad-dejma. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**80/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

80/03/01 Is-Sindku ressqet li nsibu sponsor/s għal attività tal-Boxing (11 ta' Mejju 2024). Kien hemm qbil unanimu.

80/03/02 Is-Sindku ressqet li nsibu sponsor/s għat-Tberik tal-Annimali (19 ta' Mejju 2024). Kien hemm qbil unanimu.

80/03/03 Is-Sindku ressqet li nsibu sponsor/s għal Jum il-Għargħur (16 ta' Lulju 2024). Kien hemm qbil unanimu.

**80/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

80/04/01 Ma kienx hemm.

**80/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

80/05/01 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Jannar 2024).

80/05/02 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Jannar 2024).

80/05/03 Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Jannar 2024).

**80/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Jannar 2024).

**80/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Joe Abdilla li ppublika l-ktieb Malta Aerial Photography.

**80/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Rapport mill-Kunsill Lokali rigward il-Parkeġġ Riservat Personalizzat Ref: 11208 fit-Triq id-Dejqa.

**80/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta l-*bollards* fuq bankina fi Triq Caravaggio ma ġewx aċċettati.

**80/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta l-bankina ta' quddiem residenza fi Triq Fra Duminku Mifsud trid issir mis-sidien u hemm garanzija bankarja marbuta mal-permess tal-bini.

**80/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Managing Authority and Servizzi Ewropej f'Malta – Sessjoni ta' Informazzjoni.

**80/05/10** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur iddiskuta u approva l-applikazzjoni għall-iskema SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.

**80/05/11** Dr Lydia Abela se tkun qed tirrikonoxxi l-irwol tal-mara fis-soċjetà Maltija. Permezz ta' dan il-Premju, qiegħda ssir stedina lin-nisa kollha f'pajjiżna; b'rikonoxximent li jirrappreżenta 68 lokalità mifruxa madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur iddiskuta u approva li tiġi nominata s-Sa. Josephine Sammut. Is-Sa. Sammut kienet tgħallem id-duttrina. Ilha 'l fuq minn 60 sena fil-Kumitat (tan-nisa) Festa San Bartilmew. Kienet ukoll fl-Azzjoni Kattolika. Għadha tgħin fil-knisja sal-lum. Kienet fil-kor tal-parroċċa. Il-Kunsill Lokali kien taha 'Ġieħ il-Għargħur'. Is-Sa. Sammut hija Mara qalba tajba u dejjem lesta biex tgħin lil kulħadd.

**80/05/12** Fuq it-talba ta' residenta biex it-trakkijiet ma jgħaddux mit-triq id-dejqa li tagħti għat-Triq tal-Balal. It-triq hija dejqa għal karozzi aħseb u ara trakk kbir. Kien hemm qbil li diġà hemm tabella biex ma jgħaddux trakkijiet.

**80/05/13** Fuq it-talba biex jerġgħu jeħlu l-*bins* ta' Triq l-Isqof Gargallo. Kien hemm qbil unanimu.

**80/05/14** Fuq it-talba għal *dog bin* u tabella *'pick up after your dog'* fi Sqaq il-Qiegħed. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit*.

**80/05/15** Fuq it-talba ta' residenta biex titneħħa t-tabella *'no entry'* fi Triq il-Kbira, Sqaq numru 1. Kien hemm qbil unanimu.

**80/05/16** Fuq it-talba biex Triq l-Indipendenza ssir *'one-way'*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**80/05/17** Fuq il-petizzjoni biex jitneħħa *'double yellow line'* quddiem l-għelieqi fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit* u tinstab soluzzjoni.

**80/05/18** Is-Sa. Marilena Hassan staqsiet meta sa ssir il-ħarġa għal Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2024.

**80/05/19** Is-Sur Christopher Fenech ressaq biex il-ġardinar idur dawra Ġnien il-Paċi u *roundabout* ta' Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**80/05/20** Is-Sur Christopher Fenech saqsa jekk il-bankina ta' Triq Mons. Luigi Catania qrib residenza tħallsetx mill-Kunsill jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid tiċċekkja peress li l-każ ilu ħafna.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**80/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**80/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**80/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**80/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu 2024 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**